VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,897, 8 ta' Novembru, 2017
Taqsima B

A.L. 308 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2017 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2017 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 310 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) Ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

(2) Ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (4) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Applikabbli għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara:**

(4) (i) L-applikanti li għandhom wieħed minn dawn il-gradi miksuba mill-Università ta' Malta u għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti jistgħu japplikaw ukoll:

(a) il-grad ta' Bachelor of Science ikklassifikat f'Kategorija II jew aħjar jew il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar, fiż-żewġ każijiet bil-Bioloġija u l-Kimika bħala l-oqsma prinċipali, jew grad ta' Bachelor of Science (Honours) ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar jew fil-Biology jew fil-Chemistry jew fil-Chemistry with Materials; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar f'wieħed minn dawn li ġejjin: Applied Biomedical Science (jew Medical Laboratory Science), Applied Food and Nutritional Sciences, Community Nursing, Community Midwifery , Communication Therapy, Health Science, Mental Health Nursing, Midwifery, Nursing, Occupational Therapy, Physiotherapy, Podiatry, u Radiography; jew

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar; jew

(d) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Pharmaceutical Science ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar; jew

(e) il-grad ta' Bachelor of Dental Surgery ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar li jkun mogħti minn Lulju 2009 'il quddiem; jew

(f) il-grad ta' Master of Dental Surgery mogħti minn Lulju 2018 'il quddiem; jew

(g) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar mogħti minn Lulju 2020 'il quddiem; u

(ii) applikanti Maltin li, skont il-paragrafu (5) (a) tar-regolament 12 tar-Regolamenti għad-Dħul, 2016 huma eżentati milli jkollhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti huma meħtieġa jippreżentaw iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza fil-Malti Mediku mogħti mill-Università ta' Malta qabel il-bidu tal-Kors; u

(iii) applikanti mhux Maltin huma meħtieġa li jippreżentaw iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza fil-Malti Mediku mogħti mill-Università ta' Malta, jew li jgħaddu mit-taqsima studju fil-Malti Mediku bħala parti mill-Kors għas-Certificate in Foundation Studies (Medical, Dental and Health Sciences), qabel il-bidu tal-Kors,
sakemm li l-applikanti li jippreżentaw kwalifiki barranin u li jkunu għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti għandhom ikunu eżentati milli jippreżentaw iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza fil-Malti Mediku.

Iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza fil-Malti Mediku huwa meħtieġ kemm għad-dħul fl-Ewwel Sena, kif ukoll għad-dħul fit-Tielet Sena tal-Kors."

4. Minflok il-paragrafu (7) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(7) Matul l-ewwel sena tal-Kors, l-applikanti li jiġu aċċettati huma meħtieġa wkoll joqogħodu għall-occupational health assessment kif dettaljat fl-Occupational Health Protocol approvat mill-Bord, biex ikun aċċertat li huma tajbin għad-dmirijiet relatati mal-istudju tagħhom. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit jistgħu ma jitħallewx ikomplu bl-istudji tagħhom. In-nuqqas li tiżvela informazzjoni dwar problema ta' saħħa fiżika jew mentali li tista' taffettwa s-sigurta' ta' pazjent hija kkunsidrata bħala ksur serju tar-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika."